MALTA

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 18 ta’ Awwissu 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Matthew Spagnol)**

**vs**

**Ivan Manno (KI Taljana numru AY2009895)**
**Omissis**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Ivan Manno** u **Omissis** talli matul ix-xahar ta’ Awwissu 2018, f’dawn il-Gżejjer:

1. Ikkommettew serqa sempliċi ta’ mobile phone ta’ għamla Samsung, lewn iswed, għad-detriment ta’ Gaetano Rizzi;

2. Ikkommettew serqa sempliċi ta’ speaker tal-għamla Zealot, lewn iswed, għad-detriment ta’ Federico Degasperi;

3. Xjentement laqghu għandhom jew xtraw ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, indaħlu biex ibiegħuhom jew imexxuhom, u ċioe` mobile phone ta’ għamla Samsung, ta’ lewn iswed, u ta’ valur madwar sebgħin Ewro (70); speaker ta’ għamla Zealot, lewn iswed, ta’ valur madwar ħamsa u erbgħin ewro (45); u Power bank tal-għamla RoHs, lewn isfar, ta’ valur mhux magħruf.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat li l-imputati ammettew l-ewwel u t-tieni imputazzjoni migjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tathom zmien jikkonsidraw il-pozizzjoni taghhom u wissiethom dwar il-piena li tista' tigi inflitta fuqhom;

Semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara illi t-tielet imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel u t-tieni imputazzjoni u li r-*res furtiva* indikata fl-istess imputazzjonijiet tinsab fil-pussess tal-Pulizija Ezekuttiva;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputati ammettew l-ewwel u t-tieni imputazzjoni migjuba kontra taghhom u ghalhekk dawn huma sodisfacentement ippruvati.

Il-Qorti semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara illi r-*res furtiva* tinsab fil-pussess taghha, rat il-fedina penali tal-imputati u semghet l-ammissjoni bikrija taghhom. Hadet ukoll in konsiderazzjoni illi l-imputat Omissis ghadu minorenni.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikolu 37 u artikolu 284 tal-Kodici Kriminali tiddikjara lill-imputati **Ivan Manno u Omissis hatja tal-ewwel u tat-tieni imptuazzjoni** migjuba fil-konfront taghhom u lil Ivan Manno tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta' sentejn (2) mil-lum u lil Omissis tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax (18)-il xahar mil-lum u dan ai termini tal-Artikolu 22 (1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti, ai termini tal-artikolu 22(3) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta spjegat lill-hatja fi kliem car, kemm ir-responsabbilità taghhom u x'jigri jekk huma jikkommettu reat iehor matul il-perjodi msemmija fil-paragrafu precedenti.

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur